Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Jonathan Ransley)

Vs

Ahmad Al Allagi

omisses

Illum 26 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Ahmed Al Allagi ta' 27 sena, imwieled Bengazi, Libja, nhar is-7 ta' Novembru, 1990, bin Mohamed u Fathija nee' Al Barazi, residenti Expomex Buildings, Flat 8, Triq Mons Innocenz Zammit, Swatar u detentur ta' l-karta ta' l-identita' numru 149301 (A)

L-imputati akkuzati talll fit-3 ta' Marzu, 2018 ghall-habta tal-10.00 ta' bil-lejl gewwa l-Imsida:

1. Garru 'il barra minn fond Expomex Buildings, Flat 8, Triq Mons Innocenz Zammit, Swatar, jew id-dintorni tieghu zewgt is-skieken, wahda b'xafra ta' 12-il centrimetru u ohra b'xahra ta' 20 centrimetru u/jew sikkina ohra jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellhom licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;
2. Hebbew ghal Vincenzo Pafumi sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlu hsara lil dan il-persuna jew lil haddiehor;

3. Ghamlu lil Vincenzo Parumi ingurji jew theddid b'arma regolari li taqta' u bil-ponta;

Alluzat Ahmed Al Alagi wahdu talli fit-3 ta' Marzu, 2018 ghall-habta ta' 09.30 ta' bil-lejl gewwa Roni's Mini Market, Triq Paolo Debono, Msida;

4. Hedded bil-fomm lil Michael Fissahaye Weldemichael b'delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;
5. Hebb ghal Michael Fissahaye Weldemichael sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil dan il-persuna jew lil haddiehor;
6. Ghamel lil Michael Fissahaye Weldemichael ingurji jew theddid b'arma regolari li taqta' u bil-ponta;
7. Naqas milli jhares xi wahda u/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe' mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. mid-digriet datat 26 ta' Settembru, 2017 u li permezz tieghu huwa nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma' Ahmed Al Allagi bhala recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Vincenzo Pafumi u Michael Fissahaye Weldemichael billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412 C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi fic-cirkostanzi tal-ammissjoni tal-imputat , il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-imputazzjonjiet migjuba kontrih.

Illi ghal fini ta' piena jigi innutat li fi stadju bikri tal-kawza l-imputat registra ammissjoni u l-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-imputat ikkoopera maghha izda gie innutat ukoll il-fatt li l-imputat hu recidiv u kiser kundizzjonijiet ta' helsien preventiv impost fuqu.

Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 6 tal-Kap 480 u l-artikoli 49 u 50, 249 (1) u (2) , 339 1 (d) , 339 1 (e), fuq ammissjoni qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijeti kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghall-piena ta' hames (5) xhur prigunerija effettiva, mill-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li fih il-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan il-kaz u ghal multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Illi ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna il-konfiska , favur il-Gvern ta' Malta , tas-somma stabbilita fil-helsien mill-arrest taht garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera tas-26 ta Settembru 2017 ossia s-somma ta' elf ewro (€1,000) in kwantu depositu u s-somma ta ' elfejn ewro (€ 2,000) in kwantu garanzija personali , b'total ta' tlett elef ewro (€ 3,000).

.

Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace